9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 12, miżmuma nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, 2020 fis-6.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati

Anne-Marie Fenech ma setgħetx tattendi

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Il- Kunsilliera Anne Marie Fenech tinsab ma tiflaħx.

**12.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (11)**

**11.2 Kunsiderazzjoni ta' Minuti – Laqgħa Numru (10)**
Pagna 2: referenza għal paġna 6 tal-Minuti No 10 minflok 10.4 tiġi 10.2

**11.3 Punti mill-Minuti**
Pagna 2 10.3: SPB T/01/2019 Tender Street Sweeping Jiġi hekk kif moqri**:**

kollox gie ppubblikat u jagħlaq fis-17 ta' Jannar,2020

Paġna 2 jizdied 10.6.1 bħala referenza għas-sentenza

Paġna 2 10.10: Titneħħa il- bord tal-One Way u jiġi moqri hekk; sar qbil li jiltaqgħu

Paġna 2 10.11: Jitneħħew il-kliem *ħaxix kollu* u jiżdiedu l-kliem ir-ramel ukoll

**11.4: Komunikazzjoni mis-Sindku**
Paġna 3 Riserva Simar

Titneħħa l-kelma 'approva' u jiżdied ' fakkar li s-Simar ma taqax taħt ir-risponsabilita tiegħu imma tal-Bird Life filwaqt li l-culvert u t-triq inkwistjoni jaqaw taħt ir-risponsabilita ta' Infrastructure Malta.

**11.6 Rapporti/ jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**
Paġna 4 11.6 1 Rapport Evalwazzjoni – Contracts Manager

Jizdied 'Inġibdet l-attenzjoni li l-aġitaturi mhumiex skond kif intqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill'.

**11.7 GalMajjistral – Rapprezentanza**
Paġna 4 Tizdied is-sentenza li Kunsilliera Graziella Galea kienet nfurmat lil Kunsill li kienet giet inominata.

**11.8 Kaz Deciz kontra -Il-Kunsill/Dimbros Ltd vs Insurance Argus Insurance Agency**
**Il-kaz** Paġna 4: is-sena tinqara 2016

**11.9 Pendenzi ta' kazijiet bejn il-Kunsill u Dimbros Ltd**
Paġna 4: Jizied ' ll-Kunsill ġie infurmat li l-każ kontra d-Dimbros ma' l-albitraċċ intrebah

**11.10 Traffic Mirrors**
Pagna 5- **11.10** l-obligu legali tat- traffic mirrors f'kaz ta' aċċident.
Laqgħa li saret bejn s-Sindku u TM gie diskuss Il-kunsill qabel li titfassal policy.

**11.11 Latrini Publiċi**
Pagna 5 manutenzjoni temporanju

**11.13 Filming -Finnish TV Series**
**Pagna 5- 11.13:** titneħħa l-kelma 'inkjesta' u tiddaħal 'rikjesta'

Ittieħed vot fuq il-minuti –

**Favur** Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Mario Salerno, Alfred Bray

**Astensjonijiet**: Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia, Antionette Bezzina, Anthony Attard u Chris Vella Petroni

**Kontra**: 0

**<u>12.3 Punti mill-minuti</u>**
**Kompożizzjoni tal-Bord ta' Evalvazzjoni** – Is-Sindku fakkar, li l-minuti tal-laqgħa numru 10, item numru 10.4, ma tagħmilx referenza li għall-fatt li l-kunsilliera kollha preżenti approvaw li l-membri tal-Bord ta' l-Evalvazzjoni jistaw jissostitwixxu lil xulxin f'każ li xi ħadd ikun assenti.

**Small Claims 333/2006** : Is-Sindku nforma li reġa fakkar biex il-kunsill jħallas id-danni ta' €1,496.65 jitħallsu lill-Argus Insurance.

**Filming- Finnish TV Series**

Il-kunsill ġie nfurmat li nbidlu xi lokazzjonijiet għall-ġbid tal-film fejn il-lokalita ta' San Pawl mhux sejra tkun eskluża.

**Pendenzi ta' kazijiet bejn il-Kunsill u Dimbros Ltd**
Il-Kunsill bagħt għand l-ex Perit tal-Kunsill William Lewis biex jikjarifika b'ċertifikat ix-xogħolijiet u b'hekk il-kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħlaq dan il-każ.

**Traffic Mirrors**
Il-Policy ġiet miktuba. Titressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

**Latrini Pubbliċi** – Il-Kunsill qiegħed jistenna mingħand il-Perit.

**Servizz ta' towing**

Il-Kunsill ġie nfurmat li wara riklam li deher fil-midja, sar kuntatt ma persuna fejn dan qabel li jagħti servizz hekk skond ir-rikjesta maħruġa mill-kunsill b'sejħa pubblika. Kif jiġu vverifikat li dan għandu lliċenzji kollha meħtieġa l-Kunsill jiffirma ftehim.

**<u>12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Project GO1**

Repairs of telecomunications cables lying in the sea.

Saret rikjesta biex żewġ żoni fejn l-iskola ta' San Pawl il-Baħar u s-Sirens Pitch jiġu riservati għal bugħaddasa u l-makkinarju bejn 21/2/2020 – 8/3/2020.

**Taraġ ta' triq il-Qawra għal baħar**

Is-Sindku nforma, li din il-ġimgħa mistenniha li jiġu sottometti l-pjanti ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex it-taraġ li kien tneħħa minn triq il-Qawra li jagħati għal baħar jerġa jinbena mill-ġdid.

**Twaqqiegħ ta' l-ex bank HSBC Buġibba**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bini ta' HSBC se jitwaqqa u bħala prekawzjoni sejjer isir spustjar ta' parkeġġi kif ukoll se tinħoloq struttura temporanja li trid tiżżarma kuljum.

Kundizzjonijiet inposti mill-kunsill huma:

Illi, x-xogħolijiet tat-twaqqiegħ sal-5 pm l-aktar, mit-Tnejn sal-Gimgħa biss. Esklużżi l-festi.

Illi, waqt it-twaqqiegħ irid jiġi assigurat li jkun hemm mezz adekwat li iražžan it-trabijiet milli jinfirxu ma kullimkien.

Illi, ta' kull jum jeħtieġ, li l-akkwati ta' fejn isiru x-xogħolijiet jitnaddfu sewwa. Dawn ix-xogħolijiet jinkludu tindif ta' bankijiet u street furniture.

Illi, jitħallas dak kollu dovut lill-kunsill.

Il-kunsill approva l-kundizzjonijiet.

**Xogħolijiet fil-Fekruna**

Qedin isiru xogħolijiet ta' tranġar tal-ħsarat konsegwenza tal-maltemp ta' sena u nofs ilu, fl-inħawi tal-Fekruna. Fost ix-xogħolijiet hemm tranġar tal-bankina, l-art u jitneħħew il-blokki tal-franka.

**Re-Launch of the Erasmus+ Key Action 2: Farm the City**

Din il-komunikazzjoni ġiet modija lil- Kunsilliera. Il-Kunsillier responsabli għandu jattendi għal Launch

Il-**Live streaming - Video on Demand**

Saru x-xogħolijiet neċessarji sabiex ikun hemm dan is-servizz għal pubbiku

**Tlielaq bir-roti**

Il- Kunsill irċeva talba minn organiżżaturi mill-**Malta Cycling Federation** sabiex tingħat no objection għal tlielaq f'San Martin . Il-Kunsill approva.

**Platform Lift**

Kwotazzjoni re-**Platform Lift repairs** Quote - €472- Il-Kunsill approva.

**Servizz ta' Banda u Riklam**

Mingħand is-**Socjeta Muzikali San Pawl**. Dawn ġentiment offrew servizz b'xejn ta' banda li jiswa €1,200.

Użu tas-Sala nkluż id-dawl għal attivita ta' Wignacourt Tower.

Stiednu lill-Kunsill li jagħmel riklam tal-festa li jiswa €160 bħas-snin imgħoddija.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Soċjeta għal dan il-ġest filwaqt li approva r-riklam tal-festa.

**Filming – Heritage trail**
Rikjesta minn student minn **Arts University Bourmouth re-filming tal-Heritage trail.**

Il-kunsill approva li jilqa r-rikjesta u li possibilment tingħata kopja tal-filming lill-kunsill, fejn Is-Sur Frans Scerri għandu jiġi kkuntatjat.

**12.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**Xejn**

**12.6 Rapport / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**12.6.1 Rapport laqgha (1) Bord ta' l-Infrastruttura** – 16 ta' Jannar 2020
Ġew ippreżentati l-minuti ta' (1) l-laqgħa tal-Bord. Il-Kunsill approva.

**12.6.2 Rapport – Tender Contracts Manager**
Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-evalwazzjoni tat-tender "Contracts Manager SPB T/06/2019 fejn intqal li ntefaw 3 offerti u li skond il-Bord ta' l-għażla l-ebda offerta ma kienet toffri dak kollu li rikjest fit-tender. Il-Kunsill approva li jerġa' jinħareġ.

**12.6.3 Rapport – Report and Financial Statement year end 2019**
Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit mumenti sakemm l-accountant spjegat ir-rapport.
Ir-rapport ġie approvat unanimament

**12.7 Item: LC CARE Grant Scheme**

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni ***LC CARE Grant Scheme*** **-** fejn minħabba nuqqas ta' informazzjoni l- applikazzjoni tal-Kunsill ma ntlaqgħetx. Fakkar, li l-applikazzjoni kienet fir-responsabilita ta' l-ex Sindku, li għaddiet ġħandu biex jiffirmaha fl-ewwel jiem tal-ħatra tiegħu u jum wieħed biss qabel għalqet l-applikazzjoni.
Ressaq proposta biex il-Kunsill jalloka s-somma ta'mhux aktar minn €5,000 sabiex jintużaw għall- kura u ż-żamma tal-qtates fil-lokalita'. L-inkarigu tal-qbid u biex dawn jittieħdu fi klinika għal neutering jaqa totalment fir-responsabilita ta'dawk li jitimaw (feeders). Ħuwa l-

ħsieb tal-Kunsill li parti mill-fond allokati jintużaw biex jinxtara ikel u biex jinbnew shelters għall-qtates. Gie propost li jiġi nfurmati lis-Scouts u l-Cadets sabiex jipparteċipaw fil-proġett Il-Kunsill approva.

**12.8 Item: VoomQuest Boat Racing - 13/04 u 20/04.**

Is-Sindku nforma, li nżammet laqgħa ma l-organiżżaturi, fejn ġie miftiehem;

Illi, l-aċċess għall-vetturi jkun ristrett għal gimgħa mill-moll ta' Buġibba sad-daħla tal-garaxxijiet ta' Porto Paulo, fi triq Dawret il-Gżejjer.

Illi, il-Kunsill jipprovdi 20 barrikata ghas-sigurta, il-permessi biex jingħalqu t-toroqw inkluz l-avviż fil-gażżetta tal-gvern kif ukoll l-uffiċjali biex jimmaniġjaw it-traffiku tul l-attivita.

Illi, il-Kunsill jisponsorja trophies u VIP momento

Illi, il-Kunsill jikri mobile toilets.

Il-Kunsill approva.

**12.9 Item: Ġbir addizzjonali ta' skart domestiku**

Is-Sindku semma, li s-sistema preżenti tal-ġbir tal-borża s-sewda kif inhi illum u fin-nuqqas serju ta' infurzar ta' liġijiet, qiegħed iressaq proposta biex issir ġabra addizzjonali kull nhar ta' Erbgħa fl-akkwati ta' San Pawl, Buġibba u l-Qawra. Ġie suġġerit, li dan is-servizz ma jiġiex irriklamat u possibilment jibda tard.
Il-Kunsill approva

**12.10 Item: Ħruġ ta' sejħa pubblika –**

**(a)** Item: Ingaġġ ta' 2 General Hand (Skala 18 - €11,780 per annum).
Is-Sindku semma, li din is-sejħa timxi pari passu ma dak li ġie deċiż mill-kunsill bl-approvazzjoni tal-bagit. Il-ħtieġa hi li l-kunsill ma jibqax jiddependi biss fuq il-Community workers.

Il-kunsill approva b'kundizzjoni li tingħata l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**(b)** Item: Item: Ingaġġ ta' Officer in Scale 12 – Maintenance & Cleansing Foreman
(Skala 12 - €17,576 per annum)
Din is-sejħa, apparti li timxi pari passu ma dak li ġie deċiż mill-kunsill bl-approvazzjoni tal-bagit, hija essenzjali mmens minħabba l-fatt li l-kunsill jeħtieġ persuna biex tikkordina x-xogħolijiet, fejn trid tassumi r-risponsabilita ta' l-impjegati, kemm dawk tal-kunsill kif ukoll tal-ħaddiema li huma sekondati. L-istess kariga iġġor ir-responsabilita li titħares is-saħħa u s-sigurta fuq il-lant tax-xogħol, għall-vetturi u l-makkinarju kollu tal-kunsill, kif ukoll li jikkordina x-xogħolijiet tal-kuntratturi. Fil-preżent, l-inkarigu ta' dawn ir-responsabilitajiet qiegħed jerfahom is-Sindku.
Il-kunsill approva b'kundizzjoni li tingħata l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**<u>12.11 Item: Devoluzzjoni ta' artijiet</u>**

Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li l-kunsill ikollu uffiċju amministrattiv ġdid li jagħqdi l-ħtiġijiet tal-kunsill, inkluż parkeġġ adekwat. Fakkar, li 4 snin biss oħra jiskadi l-kuntratt eżistenti. Semma, li l-Gvern għandu art li tinsab bejn triq San Ġorġ u triq Emanuel Pinto circa ta' 2,000 $m^2$ li hi idejali.
Informa, li nżammu laqgħat mas-sidien ta'art biswit biex tiġi mistħarġa l-possibilita ta' PPP, kif ukoll lagħat oħra ma diversi Ministri u Segretarji Parlamentari biex jinstab appoġġ favur il-proġett.
Ressaq proposta, biex il-Kunsill mhux biss iressaq applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din l-art imma japplika ukoll għal l-art pubblika li tinsab fi Triq Parades kantuniera ma Triq il-Paċi għal l-istess għan.

Il-Kunsill approva.

**12.12 Item: Tender SPB T09/2019 Provision of Resurfacing and Patching of Roads & Footpaths**

Il-Kunsill ġie nfurmat, b'korrispondenza li ntbagħtet minn Roads Servicing Ltd. Dawn għamlu rikjesta għal żieda addizzjonali tal-prezzijiet tat-Tender, fejn qalu li mhux lesti jiffirmaw il-kuntratt jekk ma jingħatawx iż-żieda li tkopri ż-żidiet kollha li jsiru tul-l-kuntratt. Is-Sindku ippreżenta żewġ pariri li l-kunsill ingħata mingħand il-perit kif ukoll mingħand min kiteb it-tender. Issuġġerixxa, li tiġi approvata r-rakomandazzjoni segwenti tal-Bord ta' l-Infrastruttura.

Li minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti rigward id-damping charges kif ukoll konsegwenza ta' l-istat li jinsabu fiħom it-toroq u l-bankini tal-lokalita, il-Kunsill għandu, jaċċetta li jagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz tad-dumping mill-perjodu ta' meta l-kumpanija Roads Servicing Ltd aċċettat li tagħmel ix-xogħolijiet u ż-żmien ta' meta sejrin jitwettqu l-istess tiswijiet. Mill-banda l-oħra, il-Bord ma kienx tal-fehma li l-kunsill jaċċetta li jagħmel tajjeb għal kwalunkwe żieda li seta kien hemm jew li sejjer ikun hemm, fil-prezzijiet li ġew ikkwotati fit-tender u li ma ntlaqtux b'xi deċiżżjoni imposta mill-gvern. Il-kunsill qabel li titieħed l-opinjoni ta' l-Avukat tal-kunsill.

**12.13 Item: Bord ta' Governanza – Każ 009/2019**

Is-Sindku qara kommunikazzjon li Kunsill irċeva mingħand il-Bord tal-Governanza.

Din l-ittra irreferiet għal rapport li għamel ex Kunsillier Joseph Vella mal-Bord tal-Governanza dwar servizz tal-knis li kien sar fejn kien ingħata bħala direct order.

Fir-risposta tagħhom il-Bord kiteb li wara il kaz bil provi migbura rrizulta li f'dan il-kaz s-Segretarju Ezekuttiv aġixxiet minħabba l-urgenza tal-kaz u peress li l-lokalita ta' San Pawl il-Baħar ma setgħetx titħalla fi stat ta' zdingar.

Il-Kunsillier Paul Bugeja presenta dokument  dwar decizjoni li Bord tal-Governanza kien ħa dwar kaz tal -Kunsill lokali ta' Nadur fejn ħareġ direct order. F'dan il-kaz il Bord ordna lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex jerġa jfakkar li-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsill dwar l-obbliġi tagħhom.

Segretarju Ezekuttiv spjegat ili servizz kienet ordnatu is-Sindku Anne Fenech primarjament, izda peress li kien hemm il bzonn u il-Kunsill kien qed jirċevi ħafna rapporti dwar telqa fil-lokalita hija approvat. Il-Bord tal-Governanza ibazaw id-deċizjoni fuq dawn il provi prezentati u minħabba li l-Kunsill kien qiegħed ikaxkar sabiex jieħu deċizjoni fuq awarding ta' tender tal-knis li kien ħareġ.

Il-Kunsill iddecida li jekk kien ħareġ works order, il-kuntrattur għandu jitħallas .

Il-vot għandu jinqara kif ġej:

**Favur:** Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsillier Carlos Zarb, Paul Bugeja, Alfred Bray, Stephen Cremona u Mario Salerno.

**Astensjonijiet**: Graziella Galea, Antionette Bezzina, Anthony Delia, Anthony Attard, Christopher Vella Petroni, Viċi Sindku Daryl Connor, Mario Salerno, Carlos Zarb u Alfred Bray.

**Kontra: 0**

**12.14 Item: Retro Booths – Proposal**

Is-Sindku nforma, li l-Bord ta' l-Infrastruttura ltaqa ma kumpanija privata li uriet x-xewqa li tiftaħ diskussjonijiet mal-kunsill dwar il-futur ta' l-istrutturi eżistenti tal-telekomunikazzjoni ta' kumpanija privata kif ukoll opportunitajiet ġodda.

Il-Bord unanimament kien favur il-kunċett u għalhekk qiegħed jissuġġerixxi li l-kunsill japprova bil-kundizzjonijiet segwenti:

Illi, il-kumpanija tintrabat li tinstalla massimu ta' 10 retro-booths imqassma madwar il-lokalita', bis-siti jiġu mifthema bejn il-kunsill u l-kumpanija. B'mod ovvju, il-kumpanija tintrabat li telimina l-faċilitajiet qodma eżistenti għas-spejjeż tagħha.

Illi, il-Kunsill jingħata massimu ta' 10,000 euro fis-sena mill-kumpanija kif ukoll spazju b'xejn ta' air-time.

Illi, il-kumpanija tingħata esklussivita ta' 200 metru milli jitwaħħlu digital screens ohra b'kompetizzjoni diretta magħhom. Din il-klawsola ma torbotx lill-Kunsill milli hu stess iwaħħal digital screens informattivi, basta, li dawn ikunu ħilsa minn kull riklam kummerċjali.

Illi, il-kumpanija tintrabat li tipprovdi facilita ta' Wi-Fi u elettriku biex il-kunsill jekk jinħtieġ, ikun f'qagħda li jista jinstalla CCTV's fiż-żona tal-madwar id-digital screens.

Illi, jiġi dikjarat, li l-persuna/i li jiffirmaw il-ftehim mal-kunsill jintrabtu b/mod personali, li l-art ta' fejn jiġu nstallati d-digital screens titreġġa lura għal istat li kienet qabel, fl-eventwalita li l-kumpanija ma tibqax topera jew li dawn jiġu allokati f'post ieħor.

Illi, dan il-ftehim ħuwa għal 3 snin, b'estenzjoni ta' sentejn f'każ ta' qbil bejn iż-żewġ partijiet u jinkorpora biss digital screens installati b'mod permanenti.

Il-Kunsill approva unimament.

**12.15 Item: Installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq l-Imbordin**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-prezz tal-bozoz li jaħdmu bis-Solar huwa it-triplu ta' dawk normali. Għalhekk il-kunsill idde`idea li t-3 bozoz eżistenti jingħataw id-dawl permezz tal-cable bi spiża ta' mhux aktar minn €5333.60 skond l-istima tas-17 ta' Settembru 2019.
Il-Kunsill approva l-ispiza.

**12.16 Item: Disposal of Assets**

Il-Kunsill ġie nfurmat li tneħħew partijiet mill open gym equipment għaliex ma kienux qed jifunzjonaw u kienu perikoluzi.

Peugeot ACB031 ser tiġi scrapjata u ser jintalab refund mit TM marbuta ma' lis-scraping scheme tal-karrozzi li jaħdmu bl-elettriku.

Il- magna li tiċċekja il flus ma kienetx għada taħdem għalhekk kienet ser tintrema

Il-Kunsill qabel

**12.17 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.**
Il-Kunsill approva x-xiri ta' Tarmac/Concrete cutting machine.

**Skeda ta' pagamenti**
**Rimarki**

113 – ġie spjegat illi dan il pagament kien sar mandat għalhekk l-amount fuq l-amont

145 – għandu jitniżżel il-milage

161- għandu jiġi ndikat liema tender lot

169- kif intqal aktar qabel fil-laqgħa dan il- pagament jitħallas sakemm kien inħareġ works order.

Dwar il-voti mitluba fuq il-pagamenti mill-kunsilliera Graziella Galea, il-grupp kunsilliera fil-maġġoranza sostnew dawn imorru kontra il-liġi

**12.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-Laqgha li jmiss ser ssir nhar 18 ta' Marzu, 2020 fis 6.00pm

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |